**NOMINA TA' DOTT. GAVIN GULIA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, RESIDENTI ĠEWWA L-POLONJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Polonja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?**

   Il-Polonja huwa l-akbar pajjiż fl-Ewropa tal-Lvant, li jaqsam il-fruntiera mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna, fost l-oħrajn. L-isfida ewlenija tal-Polonja hija s-sigurtà. Il-Gvernijiet Pollakki suċċessivi dejjem taw valur lir-relazzjoni transatlantika mal-Istati Uniti, liema pajjiż għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).

   Il-Polonja ilha żżid b'mod kostanti l-influwenza tagħha fi ħdan in-NATO billi tamministra rwol attiv fid-diskussjonijiet u d-deċizjonijiet fi Brussell. Il-Polonja huwa wkoll wieħed mill-aktar pajjiżi b'rata ta' nfiq għolja għad-difiża tiegħu fi ħdan l-istess Alleanza, u dan fir-rigward ta' PDG. Fit-territorju Pollakk, hemm ukoll il-preżenza tal-infrastruttra militari tan-NATO, kif ukoll ta' missile ballistiċi tal-Istati Uniti.

   Indubbjament, l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna xprunat lill-Polonja sabiex tinvesti fl-infrastruttura tad-difiża tagħha kif ukoll sabiex tippromowovi inizjattivi ta' difiża tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Ħarsien Komuni tad-Difiża tal-ajru ta' Donald Tusk, u l-Faċilità Ewropew għall-Paċi (EPF).

   L-inflazzjoni kienet sfida sinifikanti li affettwat lill-pajjiżi kollha, inkluża l-Polonja. Ir-rata medja tal-inflazzjoni fl-2022 kienet ta 14% u 10.9% fl-2023. Minkejja l-impatt tal-inflazzjoni, l-Polonja kellha t-tieni l-inqas rata ta' qgħad fl-Unjoni Ewropea f'Diċembru tal-2023, u dan b'perċentwalita' 2.7%. Sentejn ilu, il-Gvern Pollakk kien daħħal 0% VAT fuq l-ikel, li naturalment tat daqqa kbira lir-rata tal-inflazzjoni, li dak iż-żmien kienet qed togħla. Minn din is-sena 2024, din il-miżura tneħħiet u għaldaqstant wieħed se jkollu janalizza jekk it-tneħħija ta' miżura bħal din hiex se jkollha impatt fuq iċ-ċittadini li jgħixu fil-pajjiż.

   Is-saltna tad-dritt għadha ta' tħassib fil-Polonja. L-Unjoni Ewropea kellha diskussjonijiet għaddejjin rigward is-saltna tad-dritt fil-Polonja minħabba l-kunflitt politiku li nqala fl-2015, li matulu l-Gvern Pollakk ġie akkużat li ma segwiex il-liġi Ewropea. Wara bidla fil-Gvern f'Diċembru li għadda, kien hemm it-tama li l-Gvern il-ġdid, dak immexxi minn Donald Tusk, itejjeb is-sitwazzjoni. Wara sensiela ta' azzjonijiet, inkluż dawk leġiżlattivi, sabiex jiġi ndirizzat it-tħassib dwar l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, f'Mejju 2024 il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li l-proċedimenti dwar is-saltna tad-dritt kontra l-Polonja waslu fi tmiemhom. Minkejja dan, is-suġġett se jibqa' jiġi segwit mill-qrib kemm minn Brussell u kif ukoll mid-diplomatiċi fil-pajjiż.

2. **X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

   Il-pjan tiegħi se jibbaża fuq is-segwenti:

   **Il-Komunità Maltija** – Ġewwa l-Polonja jgħixu madwar 50-70 ċittadin Malti, mill-kapitali Varsavja għall-iżgħar raħal rurali remot. Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejhom għall-

kontribuzzjoni lejn il-Polonja. Huwa essenzjali illi nsaħħah ir-relazzjoni tiegħi magħhom, mhux biss għaliex huma ċittadini Maltin bħali, iżda għaliex dawn għandhom potenzjal enormi sabiex jippromwovu lil Malta fil-linji tax-xogħol rispettivi tagħhom. Tramite l-konnessjoni mad-dijaspora Maltija, ninsab ċert illi din se tassisti lill-Ambaxxata u lili b'mod personali fil-ħidma tagħna.

**Turiżmu, Edukazzjoni u Kultura** – Il-Polonja huwa llum il-ġurnata t-tielet l-akbar suq lejn Malta, wara r-Renju Unit u l-Italja. L-istabbiliment tal-Uffiċju Reġjonali tal-MTA ġewwa Varsavja kompla jsaħħaħ it-turiżmu lejn pajjiżna mill-Polonja. Is-suq Pollakk qiegħed aktar ma jmur jikber b'rata mgħaġġla, b'aktar minn 160,000 turist mill-Polonja jżuru Malta fl-2023. L-Ambaxxata se tipprovdi assistenza kontinwa lill-Uffiċċju se tkompli taħdem mal-MTA f'dan is-settur.

Minbarra t-turiżmu, fergħa importanti oħra hija l-edukazzjoni, partikolarment is-settur ELT (English Language Tuition). Aktar minn 85,000 student barrani minn gruppi ta' età differenti jżuru Malta kull sena sabiex jitgħallmu l-Ingliż u jgawdu minn attivitajiet ta' divertiment u kulturali. Bħala Ambaxxatur, nara illi nikkoopera mal-FELTOM u nappoġġja l-isforzi tagħhom sabiex jattiraw aktar ċittadini Pollakki lejn Malta.

Eluf ta' turisti Pollakki li jżuru pajjiżna se jirritornaw lura pajjiżhom b'viżjoni aktar ċara ta' dak illi jsawwarna bħala pajjiż: l-istorja u l-kultura li tagħmilna Maltin. F'dan ir-rigward, għandha tkun priorità assoluta tal-Ambaxxata illi tiffoka fuq attivitajiet kulturali li jippromwovu lil Malta u lill-artisti Maltin fil-Polonja.

**Kummerċ** – Malta tgawdi minn surplus qawwi fil-kummerċ mal-Polonja, b'medja ta' €17.3m fis-sena bejn l-2017 u l-2021. Matul dan il-perjodu, l-esportazzjonijiet ta' Malta lejn il-Polonja kienu medja ta' €40.2m fis-sena, bil-maġġoranza assoluta taqa' taħt it-tikketta tal-prodotti farmaċewtiċi. Skont l-istatistika tal-NSO, Malta esportat €52m lejn il-Polonja u importat €55.2m bejn Jannar sa Novembru 2022.

L-I.T., l-iGaming u l-industriji farmaċewtiċi huma kbar ħafna fil-Polonja. F'dan ir-rigward, se nesplora dawn l-opportunitajiet għall-ġid ta' Malta. Flimkien mal-Malta Enterprise u Trade Malta fost entitajiet oħra li huma interessati, jien lest li naħdem bis-sħiħ sabiex insaħħaħ il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.

Dawn huma biss ftit mill-ideat tiegħi ta' kif nistgħu ntejbu r-relazzjonijiet bilaterali tagħna mal-Polonja bl-għan aħħari illi nrawwmu l-iżvilupp ta' Malta.

3. **Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Polonja u Malta, rispettivament?**

   L-irwol ta' Ambaxxatur li jgħix u jaħdem barra minn xtutna huwa li jenfasizza fuq l-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-iżvilupp tal-pajjiż illi jirrappreżenta. Bħala Ambaxxatur, se nimmira sabiex nkompli niżviluppa r-relazzjonijiet diplomatiċi mat-tmexxija tal-pajjiż, ma' dawk interessati fil-kummerċ ma' Malta, u ma' dawk li jaraw lil Malta bħala opportunità.

4. **Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Il-barriera lingwistika hija l-akbar sfida. Il-lingwa Pollakka hija bbażata fuq il-lingwa Slava u għalhekk hija differenti ħafna, kemm mill-Malti kif ukoll mill-Ingliż. Għal dan il-għan, il-kummerċ fil-Polonja jista' jkun diffiċli għaċ-ċittadini Maltin.

Madanakollu, filwaqt li l-Pollakk huwa l-lingwa ewlenija tal-Polonja, ħafna Pollakki llum il-ġurnata jitkellmu bl-Ingliż peress li l-lingwa hija mgħallma bħala suġġett obbligatorju fl-iskejjel primarji u sekondarji.

5. **X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Polonja?**

Se niffoka x-xogħol tiegħi fuq industriji attwali u oħrajn ġodda. Diġà hemm sinerġiji fl-oqsma tat-turiżmu, l-edukazzjoni u l-kultura, li għalihom ħadmu l-Ambaxxaturi attwali u preċedenti ta' Malta għall-Polonja. Filwaqt li se nkompli nkabbar il-ħdima eżistenti, se niffoka wkoll fuq il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi meta wieħed iqis li l-kummerċ jaqa' taħt il-kappa tal-Ministeru.

6. **Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Il-kummerċ bejn Malta u l-Polonja huwa b'saħħtu u għaldaqstant iż-żewġ pajjiżi huma imsieħba kummerċjali importanti. L-iskambji kummerċjali bejn Malta u l-Polonja laħqu livelli rekord, tant li qabżu €277.40 miljun fl-aħħar tliet snin, bl-ogħla punt ikun ta €144.10 miljun fl-2022.

Bħala Ambaxxatur, se nkun qiegħed nippromwovi lil Malta mal-komunità kummerċjali fil-Polonja. Permezz ta' attivitajiet tan-networking, fost avvenimenti oħra, nixtieq nistabbilixxi relazzjoni ma' individwi u kumpaniji li huma interessati illi jiżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ma' Malta. Filwaqt li ġja teżisti l-preżenza kummerċjali Maltija fil-Polonja, l-Ambaxxata se tkun disponibbli sabiex tassisti u tagħti l-għajnuna neċessarja lil min hu interessat li jsaħħaħ il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi, liema settur huwa mejqus bħala element importanti tal-ekonomija tagħna.

7. **F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Fil-preżent, hemm diversi ftehimiet bilaterali bejn Malta u l-Polonja bhal dak tal-koperazzjoni fil-kura tas-saħħa u iehor fix-xjenzi mediċi. Bħala Ambaxxatur, filwaqt li nahden biex insahhah dak li diga hemm stabbilit bejn iz-zewg pajjizi nixtieq nesplora s-setturi tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li se jiffaċilitaw aktar kuntatt bejn iż-żewġ naħat bil-ħsieb li jsaħħu r-relazzjonijiet f'diversi oqsma.

8. **Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi? Kemm biex Pollakki jżuru lil Malta u anke biex Maltin iżuru l-Polonja?**

Is-suq tat-turiżmu Pollakk qiegħed isir dejjem aktar importanti għal Malta, kif deskritt u elaborat aktar 'il fuq fit-tieni mistoqsija. B 'Uffiċċju Reġjonali tal-MTA stabbilit f'Varsavja u titjiriet frekwenti offruti minn Ryanair u WizzAir, in-numru ta' turisti mill-Polonja huwa mistenni li jiżdied ġmielu. Min-naħa l-oħra, il-Polonja qiegħda ssir ukoll destinazzjoni popolari fost il-Maltin, partikolarment fix-xitwa minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi

tagħha. Minbarra t-turiżmu, l-Ambaxxata se tibqa' dejjem disponibbli sabiex tassisti lil kull ċittadin Malti li jkun jinsab f'xi diffikultà jew li jkollu bżonn ta' għajnuna waqt li jkun fil-Polonja.

9. **Fuq livell ta' Politika Ewropea u Internazzjonali, tara li Malta u l-Polonja jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea u anke fin-Nazzjonijiet Magħquda?**

Malta u l-Polonja jaqsmu relazzjoni bilaterali b'saħħitha u dejjiema bbażata fuq ir-rispett għall-valuri komuni Ewropej u l-kollaborazzjoni f'diversi oqsma. Iż-żewġ pajjiżi jinsabu fil-periferija tal-Ewropa, b'Malta fin-Nofsinhar u l-Polonja fil-Lvant.

Malta u l-Polonja jaqsmu perspettivi simili u jaħdmu flimkien mill-qrib fuq bosta kwistjonijiet, partikolarment fi ħdan l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti. Iż-żewġ pajjiżi huma magħquda b'impenn qawwi għall-integrazzjoni Ewropea, muri minn appoġġ sinifikanti għas-sħubija fl-UE fis-soċjetajiet tagħhom u sforzi konġunti biex itejbu s-suq intern tal-UE.

Minbarra l-kollaborazzjoni fil-livell Ewropew u tan-Nazzjonijiet Uniti, Malta u l-Polonja jagħtu importanza kbira lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) peress illi t-tnejn jemmnu li din għandha rwol kritiku fil-komunità marittima.

Barra minn hekk, Malta u l-Polonja jikkooperaw fi kwistjonijiet relatati mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSĊE). Malta qiegħda bħalissa tmexxi l-OSĊE, filwaqt li l-Polonja assumiet il-Presidenza tal-OSĊE fl-2022.

10. **Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Nista' ngħid li fil-karriera tiegħi jiena kont Segretarju Parlamentaru għas-Self-Employed u Ministru tal-Gustizzja. F'dawk ir-rwoli jiena kelli kuntatti ta' natura diplomatika ma' bosta entitajiet governattivi kif ukoll ministeri. F'dan ir-rigward, bħala Ministru tal-Gustizzja, jiena kelli espozizzjoni internazzjonali billi kelli skambji u kuntatti esteri fuq materja ta' gustizzja bhal per ezempju s-sistema tal-"MASTER" li dak iz-zmien kienet parti mill-procedura civili ta' pajjizna mal-Lord Chancellor tar-Renju Unit. Precedentament, bhala Segretarju Parlamentari ghas-Self-Employed kelli diversi kuntatti u skambji mad-diretturi u ufficcjali gholja fil-Ministeru tal-Kummerc tar-Renju Unit.

Nghid ukoll bhala Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu ippartecipajt, flimkien mal-industrija tat-turizmu ta' Malta f'bosta fieri internazzjonali ewlenin fosthom il-World Travel Market gewwa Londra kif ukoll l-ITB ta' Berlin in kollaborazzjoni mal-Kummissarju Gholi ta' Malta go l-Ingilterra kif ukoll ma' l-Ambaxxatur ta' Malta gewwa Berlin.

Inzid nghid li bhala Membru Parlamentari pparteċipajt f'delegazzjonijiet misti tal-Parlament Malti f'bosta fora Ewropej fosthom fil-Kumitat tal-Parlament Ewropew tal-Gustizzja u Ntern matul il-pre accession period ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li fihom gew diskussi bosta temi fosthom is-Setgħa tad-Dritt u l-applikazzjoni tad-dritt privat u penali.

Nippreċiza wkoll li l-kuntatt tiegħi mad-diplomazija komplejt ezegwejtu bhala Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu b'kuntatt kontinwu kemm ma' Ambaxxaturi ta' Malta residenti barra minn Malta kif ukoll ma' Ambaxxaturi barranin residenti f'Malta għat-tkattir ta' turiżmu reċiproku bejn Malta u pajjizi Ewropej u vice versa u sabiex jigu stabbiliti rotot godda ta' l-ajru. L-aktar ricenti kelli skambji li qeghdin jigu esplorati rotot godda mal-Ambaxxatur tat-Turkija ghal Malta biex tinfetah rotta gdida oltre dik diga ezistenti ta' Istanbul u mal-Ambaxxatur tal-Egittu ghal Malta dwar ir-ripristinazzjoni ta' rotta bejn Malta u Cairo. Ghadejjin tahdidiet ohrajn dwar rotot ohrajn godda.

Irrid ngħid ukoll li bħala Charmain tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, jiena servejt ukoll bħala Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi tal-European Travel Commission u għadni nservi bħala membru tal-Laqgħa Generali tal-European Travel Commission. F'dan l-inkariku kelli skambji ma' Ambaxxaturi barranin kif ukoll, senjatament, id-DG tal-Kummerc tal-Kummissjoni Ewropeja, kif ukoll ma' ufficcjali ohrajn fuq Budgets ghall-marketing tal-ETC fost affarijiet ohrajn.

Inkompli nispjega li bħala Chairman tal-MTA kont strumentali fit-twaqqif tal-ewwel uffiċċju regjonali tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu gewwa Varsavja, f'liema inkarigu hdimt mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' Malta kif ukoll mal-Ambaxxatur attwali ta' Malta fil-Polonja.

Ukoll bħala Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu kelli bosta skambji mal-ex Segretarju Generali tal-United Nations World Tourism Organisation (UNWTO), li l-istatus tiegħu huwa ekwivalenti għal dak ta' Prim Ministru ta' pajjiz sovran, Dr. Taleb Rifai u dan għal promozzjoni tat-Turiżmu lejn il-Mediterran fi hdan il-Mediterranean Tourism Foundation.

**11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur Residenti għall-Polonja hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Bhalissa jiena għandi l-kariga ta' Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u kemm il-darba ninhatar bħala Ambaxxatur Residenti għall-Polonja jiena mhux ser inzomm din il-kariga u kwalsiasi kariga ohra relatata mas-setgħat u d-doveri tiegħi bħala Chairman.

Jiena wkoll membru tal-Insolvency Fund Board u bl-istess mod jien mhux ser inzomm din il-kariga.

Kif tafu jiena wkoll Avukat u mhux ser inkun qed nipprattika l-professjoni tiegħi matul il-perjodu li jiena nkun Ambaxxatur.

**12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

Jiena ma għandi l-ebda attivita' kummerċjali u ma għandi l-ebda attivita' ohra ta' kwalsiasi xorta ohra li tikkostitwixxi xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga.

**13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Polonja u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Polonja?**

Fl-ahhar snin jien zort il-Polonja erba darbiet (Varsavja) strettament relatati max-xogħol tiegħi bħala Chairman tal-MTA u senjatament in konnessjoni mat-twaqqif mal-uffiċċju reġjonali go Varsavja.

Niddikjara li jiena ma għandi l-ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Polonja.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti ġewwa l-Polonja?**

   L-irwol ta' Ambaxxatur huwa li jżomm u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiż li jirrappreżenta mal-pajjiz li jkun akkreditat ghalih. Ambaxxatur huwa responsabbli sabiex iżomm l-interessi tal-pajjiż tal-oriġini (Malta) u jippromwovi l-immaġni tiegħu. Fl-istess ħin, huwa bl-istess mod importanti li jinbnew u jinżammu relazzjonijiet mal-Gvern u n-nies tal-pajjiż. L-attendenza għal funzjonijiet uffiċjali, avvenimenti u laqgħat ma' uffiċjali tal-Gvern hija parti mid-deskrizzjoni tax-xogħol, inkluż il-forniment ta' rapporti regolari lill-Gvern/Ministeru dwar il-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiż ospitanti (il-Polonja).

   Barra minn hekk, l-Ambaxxatur għandu wkoll il-kompitu li jiffaċilita' l-kummerċ, jippromwovi skambji kulturali u edukattivi, kif ukoll illi jiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini li qegħdin jgħixu jew jivvjaġġaw minn u lejn il-pajjiż ospitanti.

2. **Fid-dawl tar-rwol importanti li għandu l-Ambaxxatur ta' Malta residenti ġewwa l-Polonja tista' tindika x'passi beħsiebek tieħu sabiex jissaħħaħ fis-snin li ġejjin?**

   Kif diġà spjegat aktar 'il fuq, jekk inkun approvat bħala Ambaxxatur ta' Malta għall-Polonja, se nibbaża x-xogħol tiegħi fuq dan li ġej:

   **Turiżmu** – Stante illi s-suq Pollakk qed isir indispensabbli għal Malta, huwa importanti li Malta tiġi esposta bħala destinazzjoni turistika fil-Polonja. L-Ambaxxata se tkompli tikkollabora mal-Uffiċċju Reġjonali tal-MTA ġewwa Varsavja sabiex, fost inizjattivi oħra, tattendi wirjiet u fieri turistiċi biex tippromwovi lil Malta u tattira turisti Pollakki lejn Malta.

   **Kultura** – B'tant tradizzjonijiet sinjuri u ikkuluriti li baqgħu tant ħajjin mal-milja taż-żmien, aħna l-Maltin ferm kburin bil-kultura illi tgħaqqadna u tagħtina identità unika. Malta għandha ħafna x'toffri lit-turisti prospettivi. F'dan ir-rigward, ser nassigura li fil-Polonja jsiru numru ta' attivitajiet kulturali li jippromwovu lil Malta u lill-artisti Maltin u nassigura illi l-udjenza preżenti tingħata togħma vera ta' x'tassew hija u għandha x'toffri Malta.

   **Edukazzjon**i – L-ELT hija sfera oħra ta' min wieħed jesplora. Eluf ta' studenti barranin iżuru Malta sabiex jitgħallmu l-Ingliż. Malta tattira wkoll numru tajjeb ta' studenti mill-Polonja. Bħala Ambaxxatur, se nikkopera ma' FELTOM u oħrajn u nappoġġja l-isforzi tagħhom sabiex nippromwovu lil Malta bħala d-destinazzjoni perfetta sabiex jiġi mgħallem l-Ingliż.

   **Kummerċ** – L-I.T., iGaming u l-industriji farmaċewtiċi huma kbar fil-Polonja. Se nesplora dawn l-opportunitajiet għall-ġid ta' Malta. Flimkien mal-Malta Enterprise u Trade Malta, jien lest li naħdem sabiex insaħħaħ il-kummerċ bejn Malta u l-Polonja.

3. **X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

   Ara risposta għall-mistoqsija numru 10 tal-Membri tal-Gvern

4. **Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

   Nghid li wara li l-Gvern Malti u l-MTA iddecidew b'mod strategiku li kellu jinfetah uffiċċju regjonali ghat-turizmu go Varsavja, bhala Chairman tal-Awtorita' jien kont involut fin-negozjati mal-Awtoritajiet Polakki, bhal Ministeru tal-Kummerc u ta' l-Affarijiet Barranin biex niksbu l-permessi necessarji biex dan l-uffiċċju jkun jista' jopera. Dawn kienu jinkludu fost affarijiet ohrajn operating licence, taxxa u VAT kif ukoll kont bankarju. Kelli wkoll negozjati biex tinstab ditta ta' avukati Pollakki biex jiehdu hsieb l-interessi legali li kien hemm bzonn. L-uffiċċju nfetah ufficcjalment f'Novembru 2022.

   Nghid ukoll li fl-eqqel tal-pandemija Covid 19, fis-sajf tat-2021 jiena kont involut fir-ripatrijazzjoni ta' mijiet ta' studenti Taljani li kienu nqabdu Malta waqt li kienu qeghdin jistudjaw l-Ingliz f'pajjizna. Dan sar wara li l-Ambaxxatur attwali ta' l-Italja ghal Malta, l-Eccellenza Tieghu Fabrizio Romano, kien talab l-ghajnuna tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu biex jigi organizzat ir-ripatriju ta' dawn l-istudenti li fosthom kien hemm min kien pozittiv ghall-Covid 19. Dan kien jinvolvi t-trasport ta' dawn l-istudenti mill-lukandi fejn kienu jinsabu allogjati permezz ta' buses mikrija apposta ghalihom biss ghall-ajruport internazzjonali ta' Malta biex jimbarkaw fuq ajruplan li ingieb Malta apposta ghalihom. Dan sar kollu in kollaborazzjoni ma' Dr Charmaine Gauci – Superintendent tas-Sahha Pubblika. Jiena, flimkien mal-Kap Ezekuttiv ta' dak iz-zmien, kont prezenti fuq l-apron fejn kien parkeggjat l-ajruplan, u propju taht l-ajruplan sabiex nizguraw li jitilghu biss fuq l-ajruplan l-istudenti li kienu fuq il-listi li kienu f'idejna. Ix-xoghol ta' thejjija kien laburjuz u l-ezekuzzjoni kellha tkun metikoluza. Ir-ripatriju kien success bl-istudenti Taljani jinghaqdu kollha mal-familji taghhom go l-Italja.

   Sussegwentament permezz ta' ittra datata 26 ta' Lulju 2021, l-Eccellenza tieghu Fabrizio Romano rringrazzjani ghall-involviment personali tieghi fir-ripatriju ta' l-istudenti Taljani u nikkwota *"Let me thank you for your constant availability, cooperation and professionalism showed in the management of a complex logistical operation ….. throughout the process, through our direct dialogue and the contact with your staff, you succeeded in accommodating every request we made, particularly the ones concerning the students' safety."*

5. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta residenti ġewwa l-Polonja?**

   Ara risposta għall-mistoqsija nru 12 tal-Membri tal-Gvern

6. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Jiena Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u fl-imgħoddi kont Segretarju Parlamentari għas-Self-Employed u Ministru tal-Gustizzja.

7. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

   Għajr għal dak li jiena weġibt fil-mistoqsija preċedenti (6) jiena ma kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. U bħala Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, naħdem fil-qrib mal-Ministeru tat-Turiżmu.

8. **Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta residenti ġewwa l-Polonja?**

   Ara risposta għall-mistoqsija nru 11 tal-Membri tal-Gvern.

9. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

   Le m'għandiex.

10. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

    Jiena ċittadin Malti biss u għandi passaport Malti biss u m'għandiex la ċittadinanza oħra u lanqas passaport ta' pajjiż ieħor.